MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 301/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra AB talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Frar 2007, 24 ta' Frar 2007, 3 ta' Marzu 2007, 10 ta' Marzu 2007, 17 ta' Marzu 2007, 24 ta' Marzu 2007, 31 ta' Marzu 2007 u 7 ta' April 2007 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni whda, naqas li jaghti l-access tat-tfal taghhom AB lil martu AB, irrifjuta li jaghmel dan minghajr ebda raguni xierqa, u dan skond kif ordnat mill-Qorti Civil ital-Familja skond digriet numru 1292/06 tal-21 ta' Awissu 2006 u digriet 1610/06 mahruga mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi AB hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-3 ta’ Awissu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat wara li erronejament ma sabitux hati ghar-raguni li l-fatti li hadet in konsiderazzjoni ma kkunsidrathomx li jikkostitwixxu r-reat kontemplat fl-imputazzjoni, u dan minhabba li ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi u ma semmietx ir-ragunijiet li in bazi taghhom waslet ghal dik id-decizjoni. Skond l-appellant, sabiex genitur ikun gustifikat jew ezonerat mill-obbligu li ghandu fid-digriet li jaghti l-access ghall-minuri lill-genitur l-iehor, irid ikollu raguni xierqa li minhabba fiha hu ma setax jottempera ruhu ma’ dak l-obbligu. Jghid li l-fatt li minuri ma jkunux iridu jmorru ghall-access tal-genitur l-iehor di per se mhix raguni valida biex tali access jigi negat. L-appellant jirreferi ghal gurisprudenza nostrana in materja. Isostni li fil-kaz in dizamina ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-fatt jekk il-minuri ma accedewx ghand l-omm. Il-fatt kardinali kien li l-minuri ma accedewx ghand l-omm ghaliex ma ridux jaccedu ghand l-omm u riedu biss joqoghdu mal-missier.

Peress illi x-xiehda ma kinitx traskritta, din il-Qorti semghet ix-xiehda mill-gdid u lill-minuri AB, semghethom kameralment.

Din il-kawza hi bazata fuq zewg digrieti moghtijin mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Permezz tad-digriet numru 1292/06 tal-21 ta’ Awissu 2006, il-kura u kustodja tal-minuri msemmija giet fdata f’idejn missierhom l-appellat AB filwaqt illi ommhom inghatat “access liberu ghal uliedha; u f’kull kaz, kull nhar ta’ Sibt dawn ghandhom iqattghu gurnata ma’ ommhom, mid-9.00 a.m. sas-7.30 p.m., izda mhux fl-ufficcju taghha”. Id-digriet numru 1610/06 tat-23 ta’ Ottubru 2006 jikkonsisti f’konferma tad-digriet precedenti tal-21 ta’ Awissu 2006 u cahda tat-talba tal-missier Alexander Falzon sabiex l-omm Dorothy Falzon ikollha access liberu ghat-tfal.

Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-rikors ta’ appell tieghu, m’hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi fil-granet in kwistjoni AB ma kellhiex access ghat-tfal skond id-digrieti msemmija. Is-sitwazzjoni pero` hi wahda pjuttost komplessa kif anke jixhed ir-rapport tal-psikologa Ingrid Grech Lanfranco u c-cirkostanzi li wasslu biex isiru d-dikjarazzjonijiet mit-tfal u minn ommhom fit-13 ta’ Jannar 2006 kif jidher fid-dokument a fol. 15 tal-process. Huwa evidenti wkoll minn dak li qalu l-minuri lil din il-Qorti li huma ghadhom bil-hsieb li jqattghu l-inqas hin possibbli ma’ ommhom. Fil-fatt l-access bhalissa jidher illi huwa limitat ghal ftit sieghat is-Sibt filghodu.

Ciononostante, sakemm jinbidel ordni tal-Qorti b’digriet jew sentenza, dak l-ordni irid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat. Dan certament japplika ghad-digriet imsemmi tal-21 ta’ Awissu 2006 li gie kkonfermat bid-digriet tat-23 ta’ Ottubru 2006. Jigifieri anke fejn it-tfal ma jkunux iridu jattendu ghal vizita, ma ghandu jkun hemm ebda diffikulta` biex il-persuna li jkollha l-kustodja tat-tfal, b’daqsxejn ta’ rieda tajba, tiehu lil uliedha ghal dawn il-viziti, anke jekk kontra r-rieda taghhom. Altrimenti jigi li jew il-persuna li jkollha l-kustodja jew it-tfal jassumu poteri ta’ Qorti ta’ appell jew ta’ revizjoni biex jibdlu huma l-ordni tal-Qorti. U mhuwiex sufficjenti li, kif il-minuri msemmija ndikaw lil din il-Qorti, missierhom semplicement jghidilhom li jhalli f’idejhom jiddeciedu jridux imorru ghal tali viziti.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta’ Mejju 2003:

**“Din il-Qorti terga’ ttenni dak li diga` gie ritenut minnha diversament preseduta u cioe` li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f’kawzi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta’ pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli u immaginabbli, din il-Qorti tigi ridotta f’Qorti ta’ appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta’ min ikun ihossu aggravat b’xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b’idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta’ xi kambjament fis-sitwazzjoni.”**

U kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta, meta l-Qorti tigi **“biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest”** (Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale** deciz fil-25 ta’ Lulju 1994). U **“b’raguni xierqa wiehed ghandu jifhem kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni oggettivament xierqa u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-access. Ezempju ta’ dan hu xi mard serju tal-minuri li ma jkunx jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar”** (Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Ebejer** tad-19 ta’ Dicembru 1996 u **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta’ Mejju 2003).

Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix ukoll ghas-sentenza citata mill-appellant **Il-Pulizija v. Natasha Theuma** moghtija fit-8 ta’ Gunju 2007 fejn inghad:

**“Din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak li jinghad fis-sentenza appellata, anke fuq l-iskorta ta’ sentenza ta’ din il-Qorti (Qorti ta’ l-Appell Kriminali), diversament komposta, tas-17 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v.**

**Isabelle Cilia, fis-sens li l-paragrafu (*II*) in dizamina jimporta element ta' *positive obligation* da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja "<u>taghti</u> access", espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra. Fil-kaz Cilia, *supra*, gie ritenut li r-rifjut ta' tifel ta' ghaxar snin li jmur ghand missieru, probabbilment ghax kien jara lil ommu tibki u ghalhekk b'sens ta' lealta` lejha ma kienx irid imur ghand missieru, ma kienx jezonera lill-omm milli fizikament tikkonsenja lil dan it-tifel lill-missier. Kif inghad f'dik is-sentenza, l-ordni tal-qorti civili kompetenti kellu jigi rispettat u osservat *ad unguem* u ma setax *"…jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jipprezenta ebda diffikulta` biex jigi konsenjat fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda tieghu, mill-omm lill-missier. Altrimenti jigi li dan it-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni tal-qorti."* Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access"; ikun ukoll facli li dan l-obbligu jigi eluz billi, kif sfortunatament spiss jigri, it-tfal jigu manipulati, direttament jew indirettament, bi kliem, gesti jew anke b'semplici atteggjament da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja biex dawn "jirrifjutaw" li jmorru mal-parti l-ohra. Mill-banda l-ohra wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke t-tfal jistghu jippruvaw jisfruttaw u jimmanipulaw is-sitwazzjoni, hafna drabi ta' tensjoni u pika, li jkunu jinsabu fiha l-genituri, a beneficcju taghhom, u dak li jkunu "jridu" jew "jixtiequ" it-tfal ma hux necessarjament fl-interess veru taghhom."**

F'dan il-kaz, il-fatt tan-nuqqas ta' access jirrizulta pruvat u fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultawx "ragunijiet xierqa" li minhabba fihom omm il-minuri giet michuda tali access.

Naturalment din il-Qorti tifhem li hemm riluttanza kbira da parti tal-minuri biex iqattghu wisq hin ma' ommhom u certament huwa mehtieg programm ta' *counselling* sabiex din il-problema persistenti tigi meghluba, u dan fl-interess suprem tat-tfal. Naturalment tali passi jridu jittiehdu f'foro differenti.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh b'dan illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz mhuwiex opportun li tinghata piena punittiva.

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellat hati ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikoli 18 u 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imsemmi AB bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien hmistax-il gurnata millum. Din il-Qorti fissret lill-appellat bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista' tinghata sentenza ghar-reat originali. Fl-ahharnett din il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet u partikolaritajiet ta' l-appellat, ta' martu u ta' uliedhom ghall-fini tal-protezzjoni ta' l-identita` ta' l-imsemmijin minorenni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------